# FIL-QORTI ĊIVILI - SEZZJONI TAL-KUMMERĊ

## ONOR. IMĦALLEF
## IAN SPITERI BAILEY LL.M. LL.D.

### Illum, it-Tnejn 26 ta' Awissu, 2024

**RIKORS NRU : 43/2024/1**

1. **Wallace Fino (KI 218168M)**
2. **Jean Carl Fino (KI 86086M)**

**Vs**

1. **Tamarac Limited (C-6169)**
2. **Lawrence Fino (KI 443040M) bħala azzjonist, direttur u chairman ta' Tamarac Limited**
3. **Carmen Fino (KI 780945M) bħala azzjonista u direttur ta' Tamarac Limited**
4. **Dino Fino (KI 223679M) bħala azzjonista u direttur ta' Tamarac Limited**
5. **Romina Mifsud (KI 199871M) bħala azzjonista u direttur ta' Tamarac Limited**
6. **Gianmar Holdings Limited (C-40645) bħala azzjonista u direttur ta' Tamarac Limited**

**DAN HUWA DIGRIET MOGĦTI IN CAMERA GHAR-RIKORS TA' LAWRENCE FINO U CARMEN FINO TAT-13 TA' ĠUNJU 2024 (FOL 36)**

**Il-Qorti,**

Rat ir-rikors ta' **Lawrence Fino u Carmen Fino** tat-13 ta' Ġunju 2024, (fol 36) li permezz tiegħu, għar-raġunijiet hemmhekk indikati, huma talbu illi din il-Qorti tirrikunsidra d-deċiżjoni tagħha kif enunċjata fid-digriet tas-6 ta' Mejju 2024 u tawtorizza lir-rikorrenti Lawrence Fino sabiex isejjaħ laqgħa ġenerali straordinarja tal-azzjonisti ta' Tamarac Limited bl-istess aġenda għal dik tal-laqgħa li kellha ssir fis-7 ta' Mejju 2024. Huma rreferew għar-risposta tagħhom għar-rikors prinċipali u straħu fuq il-fatti kif hemmhekk elenkati. Jgħidu illi d-digriet tal-Qorti tas-6 ta' Mejju 2024 ġie osservat, anke jekk ingħata mingħajr ma huma ressqu l-osservazzjonijiet tagħhom u meta kellhom kull dritt illi jsejħu laqgħa generali straordinarja. Jsostnu illi huma għandhom raġuni valida sabiex ineħħu lil uliedhom Wallace Fino u Jean Carl Fino minn diretturi tal-kumpanija u fuq kollox, jikkontendu illi l-imsemmija Wallace Fino u Jean Carl Fino ma ressqu ebda prova ta' preġudizzju, imqar fuq livell *prima facie*.

Rat ir-risposta ta' **Romina Mifsud** għall-istess rikors (fol 41) li permezz tagħha opponiet għat-talba mressqa peress illi din issarraf fi preġudizzju għaliha u sostniet illi d-digriet jinħtieġ li jiġi kkonfermat.

Rat ir-risposta ta' **Wallace Fino u Jean Carl Fino** (fol 43) li ukoll sostnew illi jekk ma jinżammx l-*istatus quo* fil-kumpannija Tamarac Limited, huma kienu ser isofru pregudizzju serju. Jsostnu illi huma kienu taw avviż illi kienu ser jintavolaw il-proċeduri ai termini tal-artikolu 402 tal-KAP 386 u jsostnu illi Lawrence Fino u Carmen Fino ma ressqu ebda prova ta' preġudizzju illi igħidu illi jsofru.

Rat ir-risposta ta' **Gianmar Holdings Limited** (fol 48), fejn hija tgħid illi bid-digriet tal-Qorti tas-6 ta' Mejju 2024, il-Qorti ppreżervat l-*istatus quo* tal-kumpanija Tamarac Limited, u sakemm ikunu konklużi l-proċeduri fil-mertu, dik kienet l-aħjar għażla li setgħet issir, anke għaliex b'hekk ħadd ma jbati minn preġudizzju.

Rat illi minkejja l-opportunitajiet mogħtija, is-soċjeta' **Tamarac Limited** u kif ukoll **Dino Fino** ma ressqu ebda risposta.

Rat l-atti kollha.
Rat ukoll l-atti fil-proċeduri 43/2024ISB.

**Ikkunsidrat:**
Illi fl-udjenza tas-6 ta' Mejju 2024, il-Qorti ddegretat illi għar-raġunijiet hemmhekk mogħtija, "*il-laqgħa ġenerali straordinarja tal-kumpanija msejħa għall-għada 7 ta' Mejju 2024 fl-10:00am ma tinżammx* *u tiġi posposta sabiex jekk ikun il-każ* *tinżamm fi stadju ulterjuri …….*".

Illi l-Qorti tqis illi hija kienet ċara ħafna f'dak li qalet. Il-laqgħa msemmija ma seħħitx, imma "*giet posposta* sabiex jekk ikun il-każ" tinżamm fi stadju ulterjuri. Dak li qalet il-Qorti dakinhar, ossia, illi tinżamm l-*istatus quo* sakemm ikunu deċiżi l-proċeduri – sal-lum, il-Qorti tqis illi għadu validu.

Illum il-Qorti mhix qed tara raġuni valida għaliex għandha tiddipartixxi minn dak li nduċiha tieħu d-deċizjoni li ħadet fis-6 ta' Mejju 2024 u għalhekk, filwaqt illi tirriżerva d-drittijiet l-oħra kollha tar-rikorrenti, f'dan l-istadju hija sejra tiċħad it-talba.

**GĦALDAQSTANT**, għar-raġunijiet hawn fuq mogħtija, il-Qorti qed tgħaddi biex tiċħad it-talba ta' Lawrence Fino u Carmen Fino mressqa bir-rikors tagħhom tat-13 ta' Ġunju 2024, filwaqt illi tikkonferma d-digriet taghha tas-6 ta' Mejju 2024.

Spejjes riżervati għad-digriet finali.

**Digriet mogħti in camera, illum, it-Tnejn, 26 ta' Awissu 2024.**

**Ian Spiteri Bailey**
**Onor. Imħallef**

**Amanda Cassar**
**Deputat Reġistratur**